# *IL-LEJL TAL-MILIED*

## BUZZETT GHAT-TFAL

RAGHAJ 1. *Xi ġmiel ta' lejl! X'dija! Xi ħlewwa ta' ajru!*
*Għalkemm ix-xitwa, żmien il-bard u ksieħ,*
*Qisna fi dħul is-sajf meta titbiegħed*
*Il-kesħa u tibda tinħass is-sħana*
*Is-sema bla sħaba, mimli bil-kwiekeb,*
*Jiddu u jpetptu donnhom qegħdin jiżfnu:*
*L-ajru bla żiffa li tħaxwex ġos-siġar,*
*Jew li ġġib magħha dik is-sirda rqiqa*
*Li tinfdek bħal sejf u tidħol sal-għadam.*
*L-anqas il-għajat ta' annimali ħorox,*
*li bosta drabi għall-imrieħel jaħbtu,*
*ma jinstema' jidwi u jikser il-ħemda*
*tal-lejl li bħalu ftit għandna mas-sena.*

RAGHAJ 2. *Sabiħ dal-lejl u mal-ġmiel li tara l-għajn*
*tħoss il-qalb hena, bħal hena tas-sema,*
*Ngħid għalija, inħoss ġo fija xi ħaġa,*
*ma nafx x'inhi, imma timlieni bil-ħlewwa*
*li bħalha, sa fejn naf, qatt ma ħassejt.*
*Għalkemm il-lejl kiser u la nħoss għeja*
*u l-anqas għandi ngħas, imma hawn insammar*
*minn id moħbija nħossni, minn xi qawwa*
*li ssaħħarni u ma tħallinix nitħarrek.*

RAGHAJ 3. *Mhux biex intenni kliemkom ngħid jien bħalkom*
*li hena kbir jimlieli qalbi l-lejla.*
*Tassew li biex nifirħu għandna ħafna.*
*Joktru kull jum l-imrieħel kollha tagħna,*
*m'għadhomx bħal dari l-annimali ħorox*
*l-isbaħ ħrief jaħtfu u l-aħjar tan-ngħaġ.*
*L-art kollha tħaddar b'mergħa tajba u bnina,*
*u t-temp għadu sabiħ donnha mhix xitwa.*
*Imma mhux dan biss iferraħni l-lejla;*
*hemm xi ħaġa oħra moħbija minn għajnejja,*
*li tħossha r-ruħ bla ma taf mnejn hi ġejja,*
*xi ħaġa li tisboq kull ferħ tad-dinja,*
*xi ħaġa li s-sema waħdu jagħtiha.*

RAGHAJ 4. *Habbrulna snin ilu l-profeti tagħna*
*tibdila kbira għalina u għal artna.*
*Joktor il-poplu bħall-kwiekeb tas-sema*
*bħar-ramel tal-baħar li ħadd ma jgħoddu.*
*Jagħti l-Mulej ħanin ix-xitwa f'waqtha,*
*u jħaddah ir-raba' u l-inxief tax-xagħri*
*u b'kull ġid u barka tfawwar l-art kollha.*
*Is-saltna ta' David terġa' kif kienet*
*u akbar minn qabel għax jeħles mill-għadu '*

*u taħkem rebbieħa fuq ġnus qawwija.*
*X'hena, x'ferħ u xi sliem ta' żmien imbierek,*
*nistħajjilni minn issa qed ngħix fih!*

RAGĦAJ 1. *Iwa, poplu bla għadd u saltna kbira*
*ħabbru l-profeti mijiet ta' snin ilu.*
*Min jaf wasalx dan iż-żmien mixtieq minna?*
*Min jaf hux dan il-ferħ li nħossu f'qalbna*
*bla ma nafu xinhu jew mnejn hu ġej?*
*Betlem, il-belt ta' David, bħal ma tafu*
*bħal issa tinsab maħnuqa bin-nies*
*ġejjin jinkitbu kif irid is-sultan:*
*Kotra ta' nies bħal kwiekeb u bħar-ramel*
*kif jixraq biss lil sultan kbir bħal David.*

RAGĦAJ 2. *Kotra ta' nies li l-belt ma tesagħhomx!*
*Kien għadu ħajta dawl u ħajta dlam*
*il-lejla xħin kont ġej minn dik in-naħa*
*li mill-belt tieħu għal din il-kampanja.*
*Fil-mogħdija tnejn min-nies nilmaħ miexja*
*qajl, qajl 'il barra lejn dar-raba' sieket.*
*Haddiem tas-sengħa kien jidher ir-raġel,*
*u l-oħra martu, żagħżugħa sabiħa*
*li bħalha żgur qatt ma dehret f'artna.*
*Min kienu ma nafx, l-anqas fejn sejrin*
*aktarx li kienu nies li ġew jinkitbu*
*u ma sabux post fejn jorqdu dal-lejl.*
*Min jaf, ngħid jien ukoll, hux dan iż-żmien*
*li ħabbru l-profeti, żmien ta' ġid u kobor,*
*żmien ta' hena, ta' ferħ, ta' risq, ta' sliem?*
(Dija kbira, ir-ragħajja jibżgħu)

RAGĦAJ 3. *X'ikun dad-dawl?*

RAGĦAJ 4. *Din mhix dija tal-kwiekeb!*

RAGĦAJ 1. *Wanqas mhi dija tal-qamar għax niżel*
*aktar minn sagħtejn ilu. Donnha x-xemx*
*ħarġet bil-lejl biex tħabbar lill-bnedmin*
*xi ħaġa kbira li ġejja fid-dinja.*
(Jidher anġlu ħdejhom)

ANĠLU. *La teħdux qatgħa, la tibżgħux, ja ragħajja,*
*aħbar tajba għandi għalikom u għad-dinja:*
*twieled fil-belt ta' David il-Messija,*
*il-mixtieq minnkom u mill-poplu kollu,*
*il-ħellies tagħkom u tad-dinja kollha.*
*Morru! iddumux! u issibuh tarbija*
*f'għar, imfisqi u mqiegħed ġo maxtura.*

(Kant ta' "Gloria in excelsis).

P.P. SAYDON.